

Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar kwistjonijiet ċivili>Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet  
Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet

il-Kroazja

**Artikolu 50(1)(a) — Qrati kompetenti biex joħroġu l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

Il-qrati maħtura bħala kompetenti biex jipubblikaw Ordni ta' Preservazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 6(4) tar-Regolament, huma l-qrati Kroati li huma kompetenti biex imexxu fuq il-merti ta' kawża skont l-Att dwar il-Qrati (*Zakon o sudovima*) (*Narodne Novine* (NN; il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tal-Kroazja) Nri 28/13, 33/15, 82/15 u 82/16), l-Att tal-Proċedura Ċivili (*Zakon o parničnom postupku*) (NN Nri 53/1991, 91/1992, 112/1999, 129/2000, 88/2001, 117/2003, 88/2005, 2/2007, 96/2008, 84/2008, 123/2008, 57/2011, 25/2013 u 89/2014; minn issa 'l quddiem "ZPP") u regolamenti speċifiċi oħrajn. Fir-Repubblika tal-Kroazja dawn il-qrati huma l-qrati municiċipali (*općinski sudovi*; sing. *općinski sud*) u l-qrati kummerċjali (*trgovački sudovi*; sing. *trgovački sud*) meta l-proċedimenti jitwettqu fil-livell tal-ewwel istanza.

**Artikolu 50(1)(b) — L-awtorità nominata bħala kompetenti biex tikseb informazzjoni dwar il-kontijiet**

L-awtorità kompetenti biex tikseb informazzjoni dwar kont jew kontijiet ta' debitur, kif imsemmi fl-Artikolu 14 tar-Regolament, hija:

Aġenzija Finanzjarja (*Financijska agencija*)

Ulica grada Vukovara 70, 10000 Zagreb, Croatia

numru tat-telefown bla hias: +385 0 800 0080

indirizz tal-posta elettronika: [info@fina.hr](mailto:info@fina.hr)

**Artikolu 50(1)(c) — Metodi għall-ksib ta' informazzjoni dwar il-kontijiet**

L-informazzjoni tal-kont imsemmija fl-Artikolu 14(5) tar-Regolament tinkiseb permezz ta' aċċess mogħti lill-awtorità ta' informazzjoni għall-informazzjoni rilevanti meta dik l-informazzjoni tinżamm minn awtoritajiet pubbliċi jew amministrazzjonijiet f'reġistri jew mod ieħor (l-Artikolu 14(5)(b) tar-Regolament).

**Artikolu 50(1)(d) — Qrati li quddiehom jista' jsir appell kontra rifjut li tinħareġ l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet**

Il-qorti kompetenti li tiddeċiedi fuq appell skont l-Artikolu 21 tar-Regolament li kreditor ikun ressaq quddiem qorti ġenerali kontra deċiżjoni li tiċħad, kompletament jew parzjalment, l-applikazzjoni tal-kreditor għal Ordni ta' Preservazzjoni hija l-qorti superjuri li kienet kompetenti biex tiddeċiedi fuq appell kontra deċiżjoni li tiċħad proposta għal garanzija (qorti tal-kontea (*županijski sud*) jew il-Qorti Kummerċjali Għolja tar-Repubblika tal-Kroazja (*Visoki trgovački sud Republike Hrvatske*) — l-Artikoli 34a u 34c ZPP, filmkien mal-Artikolu 21(1) tal-Att dwar l-Eżekuzzjoni (*Ovršni zakon — OZ*)) — link: <https://narodne-novine.nn.hr/>.

Konsegwentament, jekk l-applikazzjoni għal Ordni ta' Preservazzjoni tiġi miċħuda, kompletament jew parzjalment, permezz ta' deċiżjoni ta' qorti municiċipali, il-kreditor iressaq appell quddiem il-qorti tal-kontea permezz tal-qorti municiċipali, filwaqt li jekk din id-deċiżjoni tiġi adottata permezz ta' qorti kummerċjali, il-kreditor iressaq appell kontra d-deċiżjoni quddiem il-Qorti Kummerċjali Għolja permezz tal-qorti kummerċjali kkonċernata.

**Artikolu 50(1)(e) — Awtoritajiet nominati bħala kompetenti biex jirċievu, jittrażmettu jew iservu l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet u dokumenti oħra**

L-awtorità maħtura bħala kompetenti biex tirċievi, tittrażmetti u tinnotifika l-Ordni ta' Preservazzjoni u dokumenti oħra skont l-Artikolu 14(4) tar-Regolament hija:

Il-Qorti Ċivili Municiċipali ta' Zagreb (*Općinski građanski sud u Zagrebu*)

Ulica grada Vukovara 84

10000 Zagreb.

**Artikolu 50(1)(f) — Awtorità kompetenti biex toħroġ l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

L-awtorità kompetenti biex teżegwixxi l-Ordni ta' Preservazzjoni skont il-Kapitolu 3 tar-Regolament hija:

Aġenzija Finanzjarja (FINA)

Ulica grada Vukovara 70, 10000 Zagreb, Croatia

numru tat-telefown bla hias: +385 0 800 0080

indirizz tal-posta elettronika: [info@fina.hr](mailto:info@fina.hr)

**Artikolu 50(1)(g) — Il-punt sa fejn il-kontijiet konġunti jew ta' mandatarju jistgħu jiġu preżervati**

Kont ta' pagament li huwa ġestit minn fornitur tas-servizzi ta' pagament f'isem utent wieħed tas-servizzi ta' pagament jew aktar, u li jintuża biex iwettaq tranżazzjonijiet ta' pagament, jista' jiġi kompletament ippreżervat.

Il-fondi miżmuma f'kont ta' mandatarju ma jistgħux jiġu ppreżervati meta dan ikun ipprojbil bil-liġi.

L-Artikolu 42 tal-Att dwar il-Falliment tal-Konsumaturi (*Zakon o stečaju potrošača*) (NN Nru 100/15 - Minn issa 'l quddiem "ZSP") jiddikjara li l-kummissarju dwar il-falliment għandu obbligu li jiftaħ kont kurrenti separat ma' istituzzjoni finanzjarja għal kull konsumatur individwali li fir-rigward tagħhom ikunu nfetħu proċedimenti ta' falliment skont inġunzjoni.

Dan huwa kont kurrenti li l-kummissarju fil-proċedimenti ta' falliment tal-konsumatur jiftaħ ma' istituzzjoni finanzjarja fuq ismu f'isem il-konsumatur ikkonċernat. Il-kummissarju jista' juża dak il-kont separat biss għall-finijiet li jirċievi u jagħmel pagamenti rigward il-ġestjoni u d-disponiment tal-patrimonju fallut tal-konsumatur li jkun is-suġġett tal-proċedimenti ta' falliment, u l-kummissarju huwa obbligat li jżomm separat mill-assi proprji tiegħu kwalunkwe pagament li jsir fil-kont rigward il-ġestjoni u d-disponiment tal-patrimonju fallut.

L-Artikolu 42(4) ZSP jipprovdi li l-fondi fil-kont separat ma jistgħux jkunu s-suġġett ta' eżekuzzjoni fir-rigward tal-kummissarju, u fil-każ tal-falliment jew il-mewt tal-kummissarju, dawn il-fondi ma jiffurmawx parti mill-patrimonju fallut jew il-patrimonju tiegħu.

Billi, fil-każ ta' falliment ta' konsumatur, il-kummissarju jaġixxi bħala r-rappreżentant tiegħu, jista' jingħad li dan il-kont huwa kont ta' mandatarju, li fih kemm il-fondi tal-kummissarju kif ukoll il-fondi ta' konsumatur wieħed jew aktar li fir-rigward tiegħu/tagħhom ikunu nfetħu proċedimenti ta' falliment, iżda l-fondi tal-konsumatur rappreżentati mill-kummissarju ma jistgħux jkunu s-suġġett ta' eżekuzzjoni jew preservazzjoni ta' kont jekk il-proċedimenti jitmexxew fir-rigward tal-kummissarju.

**Artikolu 50(1)(h) — Ir-regoli applikabbli għall-ammonti eżenti minn qbid**

L-ammonti eżenti mis-sekwestru, kif imsemmi fl-Artikolu 31 tar-Regolament, huma stabbiliti fl-Artikolu 172 OZ (Eżenzjoni mill-eżekuzzjoni) u fl-Artikolu 173 OZ (Limtu tal-eżekuzzjoni).

Jekk debitur jirċievi rimunerazzjoni u gratifiki kif imsemmi fl-Artikolu 172 OZ li huma eżenti minn eżekuzzjoni, jew ammonti msemmija fl-Artikolu 173 OZ (Limitu tal-eżekuzzjoni), huwa jkun obligat li jinforma lill-FINA dwar dan, skont l-Artikolu 212 OZ.

Il-links għall-Att dwar l-Infurzar (NN Nri 112/12, 25/13, 93/14 u 55/16) huma:

[https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2012\\_10\\_112\\_2421.html](https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2012_10_112_2421.html)

[https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2013\\_02\\_25\\_405.html](https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2013_02_25_405.html)

[https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2014\\_07\\_93\\_1877.html](https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2014_07_93_1877.html)

[https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2016\\_06\\_55\\_1440.html](https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2016_06_55_1440.html)

Skont l-Artikolu 173 OZ, l-ammonti huma esklużi mill-infurzar kif ġej:

(1) Jekk is-salarju tad-debitur tal-eżekuzzjoni jkun soġġett għal eżekuzzjoni, l-ammont ugwali għal żewġ terzi mis-salarju nett medju fir-Repubblika tal-Kroazja għandu jkun eżenti mis-sekwestru. Jekk l-eżekuzzjoni titwettaq biex jinġabar kreditu ta' manteniment statutorju, jew talba għal kumpens għad-dannu kkawżat minn saħħa jew kapaċità ridotta jew mitlufa għax-xogħol jew bħala kumpens għal manteniment mitluf minħabba l-mewt tal-kreditur tal-manteniment, l-ammont għandu jiġi stabbilit bħala nofs is-salarju nett medju fir-Repubblika tal-Kroazja, ħliet meta l-eżekuzzjoni titwettaq biex jinġabar bil-forza l-flus dovuti bħala manteniment għat-tfal. F'dawn il-każijiet, l-ammont eżenti minn sekwestru għandu jkun kwart mis-salarju nett medju għal kull persuna impjegata minn persuni ġuridiċi fir-Repubblika tal-Kroazja fis-sena preċedenti.

(2) Jekk id-debitur tal-eżekuzzjoni jirċievi salarju li jkun aktar baxx mis-salarju nett medju fir-Repubblika tal-Kroazja, l-ammont ta' żewġ terzi mis-salarju mħallas lid-debitur tal-eżekuzzjoni għandu jkun eżenti mis-sekwestru. Jekk l-eżekuzzjoni titwettaq sabiex jinġabar kreditu ta' manteniment statutorju, jew talba għal kumpens għad-dannu kkawżat minn saħħa jew kapaċità ridotta jew mitlufa għax-xogħol jew bħala kumpens għal manteniment mitluf minħabba l-mewt tal-kreditur tal-manteniment, l-ammont għandu jiġi stabbilit bħala nofs is-salarju nett imħallas lid-debitur tal-eżekuzzjoni.

(3) It-terminu "salarju nett medju" fit-tifsira tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jkun l-ammont medju mħallas bħala s-salarju nett fix-xahar għal kull persuna impjegata mill-persuni ġuridiċi fir-Repubblika tal-Kroazja fil-perjodu bejn Jannar u Awwissu tas-sena attwali, li għandu jkun determinat mill-Uffiċċju Kroat tal-Istatistika (*Državni zavod za statistiku*) u ppubblikat fl-NN mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru tas-sena attwali. L-ammont stabbilit b'dan il-mod għandu jkun applikabbli fis-sena ta' wara.

(4) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw ukoll meta kwalunkwe kumpens li jiġihallas minflok salarju, kumpens għal ħin tax-xogħol imnaqqas, kumpens għal salarju mnaqqas, paga tas-servizz tal-persunal militari u paga għal persuni fir-riżerva filwaqt li jkun qed iwettqu servizz militari u kull introjtu finanzjarju regolari ieħor imħallas lil persunal fiċ-ċivil jew fil-militar huwa soġġett għal sekwestru, bl-eċċezzjoni tal-introjtu msemmi fil-paragrafi 5 u 6 ta' dan l-Artikolu.

(5) L-eżekuzzjoni permezz tas-sekwestru tal-introjtu riċevut minn persuni b'diżabilità bħala beneficiċċju pekunjarju għal diżabilità fiżika u bħala allowance għall-kura tista' titwettaq biss biex jinġabar kreditu ta' manteniment statutorju, jew talba għal kumpens għad-dannu kkawżat minn saħħa jew kapaċità ridotta jew mitlufa għax-xogħol jew bħala kumpens għal manteniment mitluf minħabba l-mewt tal-kreditur tal-manteniment, f'liema każ l-ammont għandu jiġi stabbilit bħala nofs dan l-introjtu.

(6) L-eżekuzzjoni permezz tas-sekwestru tal-introjtu riċevut skont kuntratt ta' għajjuna sakemm iddum ħajja persuna u kuntratt ta' vitalizju, kif ukoll introjtu ġej minn kuntratt ta' assigurazzjoni tal-ħajja tista' ssir biss fuq dik il-parti tal-introjtu li teċċedi l-ammont prinċipali użat biex jiġi kkalkulat l-ammont għall-manteniment.

(7) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw ukoll meta l-eżekuzzjoni titwettaq fuq introjtu li ma jkunx ġej minn salarju, pensjoni jew dħul indipendenti minn attivitajiet kummerċjali u artiġjanali, professjonijiet liberali, agrikultura u forestrija, proprjetà u drittijiet ta' proprjetà, kapital jew assigurazzjoni ("introjtu ieħor" skont regoli separati) jekk id-debitur tal-eżekuzzjoni jista' jipprova permezz ta' dokument pubbliku li dan l-introjtu huwa l-uniku introjtu ta' flus regolari tiegħu.

Is-salarju nett medju fix-xahar imħallas lill-impjegati tal-persuni ġuridiċi fir-Repubblika tal-Kroazja fil-perjodu minn Jannar sa Awwissu 2016 kien ta' HRK 5 664 ([https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2016\\_11\\_102\\_2187.html](https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2016_11_102_2187.html)).

**Artikolu 50(1)(i) — Tariffi, jekk imposti mill-banek, għall-implimentazzjoni ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti jew biex jipprovdur informazzjoni dwar il-kontijiet, u informazzjoni dwar il-parti responsabbli biex iħallas dawk it-tariffi**

Il-FINA u l-banek huma intitolati li jimponu miżata għall-implimentazzjoni tal-Ordnijiet ta' Preservazzjoni u għall-implimentazzjoni tal-eżekuzzjoni u l-garanzija fir-rigward tal-fondi fil-kontijiet, skont ir-Regoli dwar it-tipi u ammont ta' miżati għall-prestazzjoni tal-kompiti stabbiliti fl-Implimentazzjoni tal-Eżekuzzjoni fir-rigward tal-Att dwar il-Fondi (NN Nri 105/10, 124/11, 52/12 u 6/13; minn issa 'l quddiem "ir-Regoli") – links:

[https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2010\\_09\\_105\\_2831.html](https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2010_09_105_2831.html)

[https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2011\\_11\\_124\\_2491.html](https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2011_11_124_2491.html)

[https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2012\\_05\\_52\\_1278.html](https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2012_05_52_1278.html)

[https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2013\\_01\\_6\\_90.html](https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2013_01_6_90.html)

L-Artikolu 6 tar-Regoli jiddikjara li l-miżata għandha tiġihallas mid-debitur.

Ir-Regoli jstabbilixxu l-miżata għall-prestazzjoni tal-kompiti speċifikati fl-Implimentazzjoni tal-Eżekuzzjoni fir-rigward tal-Att dwar il-Fondi (NN Nri 91/10 u 112/12).

Ir-Regoli jstabbilixxu żewġ tipi ta' miżati:

1. għall-eżekuzzjoni fir-rigward tal-fondi tad-debitur tal-eżekuzzjoni, u
2. għall-konsultazzjoni u d-dispożizzjoni tad-dejta mir-Reġistru Uniku tal-Kontijiet.

Il-miżati għall-eżekuzzjoni fir-rigward tal-fondi tad-debitur tal-eżekuzzjoni jaqgħu f'erba' gruppi:

l-eżami tal-possibbiltà ta' eżekuzzjoni ta' strument ta' eżekuzzjoni

il-kalkolu tal-imgħax

l-eżekuzzjoni ta' strument tal-eżekuzzjoni

id-dispożizzjoni tad-dejta, il-kopji u ċ-ċertifikati mir-Reġistru tal-ordni tal-istrumenti ta' eżekuzzjoni.

Il-miżata għall-eżami tal-possibbiltà ta' eżekuzzjoni ta' strument ta' eżekuzzjoni u l-miżata għall-kalkolu tal-imgħax huma imposti mill-FINA għar-riċeviment ta' strumenti ta' eżekuzzjoni (is-somma ta' talbiet li d-debitur ikollu jħallas lill-kreditur skont id-deċiżjoni tal-qorti) u għad-dħul tagħhom fir-Reġistru. Hemm miżata imposta wkoll biex jiġi vverifikat jekk strument ta' eżekuzzjoni jkunx fih id-dejta meħtieġa għall-eżekuzzjoni, u għall-ikkalkular tal-imgħax. Dawn iż-żewġ miżati, flimkien mal-miżata għall-eżekuzzjoni ta' strument ta' eżekuzzjoni, huma pagabbli bis-sħiħ mid-debitur.

Id-dħul mill-miżata għall-eżekuzzjoni ta' strument ta' eżekuzzjoni huwa maqsum bejn il-FINA (55 %) u l-banek (45 %). Id-dħul huwa distribwit lill-banek skont l-għadd totali ta' kontijiet miżmuma mid-debitur f'bank partikulari fil-jum li fih tiġi imposta l-miżata, skont id-dejta fir-Reġistru Uniku tal-Kontijiet.

Il-miżata għad-dispożizzjoni tad-dejta, ta' kopji u ċertifikati mir-Reġistru tal-ordni ta' strumenti ta' eżekuzzjoni tiġihallas mill-applikant bil-quddiem abbażi ta' talba għall-ħlas. Il-persuna li tippreżenta applikazzjoni lill-FINA trid tipprovdur evidenza ta' ħlas, imbagħad dik il-persuna tirċievi id-dejta u l-kopji rikjesti, u tinħareġ riċevuta għas-servizz ipprovdut.

Il-FINA timponi miżati għall-konsultazzjoni u d-dispożizzjoni tad-dejta mir-Reġistru Uniku tal-Kontijiet billi timponi miżata għall-konsultazzjoni tad-dejta bl-użu ta' sit web jew servizz onlajn, jew miżata għad-dispożizzjoni (jew it-tniżżil) tad-dejta mir-Reġistru Uniku tal-Kontijiet f'forma elettronika jew stampata.

Il-FINA tadotta lista tal-prezzijiet, l-ammonti tal-miżati, abbażi ta' deċiżjoni tal-Bord Maniġerjali tagħha, u l-Ministeru tal-Finanzi japprova l-lista tal-prezzijiet proposta. Il-lista tal-prezzijiet hija ppubblikata fuq is-sit web uffiċjali tal-FINA. Il-VAT huwa impost fuq il-miżati kollha fil-lista tal-prezzijiet.

[Link](#) għal silta mil-lista tal-prezzijiet tal-FINA - miżati għall-prestazzjoni tal-kompiti speċifikati fl-Implimentazzjoni tal-Eżekuzzjoni fir-rigward tal-Att dwar il-Fondi.

**Artikolu 50(1)(j) – l-iskala ta' tariffi jew sett ieħor ta' regoli li jstabbilixxu t-tariffi applikabbli imposti minn kwalunkwe awtorità jew korp ieħor involut fl-ipproċessar jew l-eżekuzzjoni tal-Ordni tal-Preservazzjoni**

Għall-eżekuzzjoni ta' Ordni ta' Preservazzjoni, il-FINA u l-banek jimponu l-miżati stabbiliti fl-Artikolu 43 tar-Regolament abbażi tar-Regoli. Il-FINA timponi miżata għad-dispożizzjoni tad-dejta, tal-kopji u ċ-ċertifikati mir-Reġistru jew id-dejta dwar il-kont. L-ammonti tal-miżati huma stabbiliti fl-Artikolu 8 tar-Regoli. L-ammonti tal-miżati indikati fl-Artikolu 3 tar-Regoli ġew stabbiliti kif ġej:

Nru tas-Ser.	Deskrizzjoni tas-servizz	Bażi għall-kalkolu	Ammont f'HRK
	<i>Eżekuzzjoni fir-rigward tal-fondi</i>		
1.	Eżami tal-possibbiltà ta' eżekuzzjoni ta' strument ta' eżekuzzjoni	strument ta' eżekuzzjoni	65.00
2.	Kalkolu tal-imgħax	kapital	7.00
3.	Eżekuzzjoni ta' strument tal-eżekuzzjoni		
3.1.	Rkupru ta' darba tal-ammont sħiħ mill-fondi ddepożitati f'bank uniku	strument ta' eżekuzzjoni	17.00
3.2.	Rkupru ta' darba tal-ammont sħiħ mill-fondi ddepożitati f'diversi banek	strument ta' eżekuzzjoni	39.00
3.3.	Eżekuzzjoni fil-każ ta' preservazzjoni ta' kont u projbizzjoni fuq l-aċċes għall-fondi	strument ta' eżekuzzjoni	110.00
4.	Dispożizzjoni tad-dejta, ta' kopji u ċertifikati mir-Reġistru.		
4.1.	– stampata	paġna	43.00
4.2.	– f'forma ta' fajl	sillaba	0.20 min. 21.00

Taxxa fuq il-valur miżjud hija imposta skont il-punt 4 ta' dan il-paragrafu.

L-ammonti tal-miżati indikati fl-Artikolu 7 tar-Regoli ġew stabbiliti kif ġej:

Nru tas-Ser.	Deskrizzjoni tas-servizz	Bażi għall-kalkolu	Ammont f'HRK
	<i>Konsultazzjoni u dispożizzjoni tad-dejta mir-Reġistru Uniku tal-Kontijiet</i>		
1.	Konsultazzjoni tad-dejta permezz tas-sit web tal-Aġenzija u tas-servizzi onlajn		
1.1.	– konsultazzjoni	inkjesta	0.80
1.2.	– konsultazzjoni tas-subtaqsimiet	sillaba	0.20
2.	Konsultazzjoni tad-dejta permezz tas-sit web tal-Aġenzija		
2.1.	– sottoskrizzjoni ta' kull sitt xhur	utent	298.37
2.2.	– sottoskrizzjoni annwali	utent	498.37
3.	Tniżżil		
3.1.	– mis-sit web tal-Aġenzija	sillaba	0.10
3.2.	– permezz tas-servizzi onlajn tal-Aġenzija	sillaba	0.10
3.3.	– permezz ta' servizz ibbażat fuq CDs	sillaba	0.10
4.	Konsultazzjoni tad-dejta		
4.1.	– stampata	kull paġna ġdida	19.51
4.2.	– f'forma ta' fajl	sillaba	0.20 min. 19.51

Taxxa fuq il-valur miżjud hija imposta fuq il-miżati skont dan il-paragrafu.

L-Artikolu 5(1) ta' dawn ir-Regoli jiddikjara li l-miżati għall-eżekuzzjoni għandhom jinqas bejn il-FINA u l-banek li l-FINA, fi proċedura skont strument tal-eżekuzzjoni, tkun ordnat li jwettqu l-irkupru tal-ammonti dovuti, bil-FINA tirċievi 55% minn kull miżata, u l-banek jirċievu 45%.

Fi proċedimenti biex tinkiseb Ordni ta' Preservazzjoni jew rimedju kontra Ordni ta' Preservazzjoni, għandha tiġi miżata tal-qorti bbażata fuq il-valur tal-applikazzjoni, skont l-Att dwar il-Miżati tal-Qorti (NN, Nri 74/95, 57/96, 137/02, 125/11, 112/12, 157/13 u 110/15; Minn issa 'l quddiem "ZSP") — ara n-notifika marbuta mal-Artikolu 50(1)(n) tar-Regolament.

**Artikolu 50(1)(k) — Gradazzjoni, jekk ikun hemm, ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti**

L-elenkar skont l-Artikolu 21 tar-Regolament huwa regolat mill-Artikolu 78 OZ, li jipprovd li, meta diversi kredituri jġibu talbiet monetarji kontra l-istess debitur u għall-istess oġġett ta' eżekuzzjoni, dawk it-talbiet jiġihallu fl-ordni li fih il-kredituri jkunu akkwistaw id-dritt ta' eżekuzzjoni minn dak l-oġġett, sakemm il-liġi ma tipprovdix mod ieħor.

L-ordni tal-prijorità tal-interessi ta' garanzija ta' diversi kredituri huwa determinat abbażi tad-data tar-riċevuta tal-Ordni ta' Eżekuzzjoni (l-Artikolu 180 OZ) – link: <https://narodne-novine.nn.hr/>

**Artikolu 50(1)(l) — Qrati jew awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti biex tagħti rimedju**

Il-korp kompetenti li jiddeċiedi dwar applikazzjoni mingħand debitur għal revoka jew modifika ta' Ordni ta' Preservazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 33 tar-Regolament, huwa l-qorti Kroata li ħarġet l-Ordni ta' Preservazzjoni.

Il-korp kompetenti li jiddeċiedi dwar applikazzjoni mingħand debitur biex tiġi limitata jew tintemm eżekuzzjoni ta' Ordni ta' Preservazzjoni fir-Repubblika tal-Kroazja, kif imsemmi fl-Artikolu 34(1) u (2) tar-Regolament, huwa:

Il-Qorti Ċivili Muniċipali ta' Zagreb

Ulica grada Vukovara 84

10000 Zagreb.

**Artikolu 50(1)(m) — Qrati li quddiemhom għandhom jiġi ppreżentat appell u l-limitu ta' żmien, jekk ikun il-każ, biex jiġi ppreżentat l-appell**

Il-qorti b'kompetenza biex tiddeċiedi dwar appell kontra deċiżjoni tal-qorti ġenerali, kif imsemmi fl-Artikolu 37 tar-Regolament, flimkien mal-Artikoli 33, 34 u 35 tar-Regolament, hija l-qorti suprema li kienet kompetenti biex tiddeċiedi dwar l-appell kontra d-deċiżjoni dwar il-garanzija (il-qrati tal-kontej jew il-Qorti Kummerċjali Għolja tar-Repubblika tal-Kroazja — l-Artikoli 34a u 34c tal-Att tal-Proċedura Ċivili (ZPP), flimkien mal-Artikolu 21(1) OZ).

Għandu jittressaq appell fi żmien tmint ijiem mid-data tas-servizz tad-deċiżjoni (l-Artikolu 11 OZ) u għandu jiġi ppreżentat permezz tal-qorti li tkun adottat id-deċiżjoni (l-Artikolu 357 ZPP).

L-Artikolu 2(1)(9) OZ jiddikjara li l-espressjoni "deċiżjoni dwar il-garanzija" tfisser deċiżjoni li tippermetti, kompletament jew parzjalment, proposta għal garanzija jew ordni ta' garanzija *ex officio*.

#### **Artikolu 50(1)(n) — Tariffi tal-Qorti**

Fi proċedimenti biex jinkiseb Ordni jew rimedju kontra Ordni, kif imsemmi fl-Artikolu 42 tar-Regolament, il-miżati tal-qorti huma pagabbli abbażi tal-valur tal-applikazzjoni, kif ġej:

fuq applikazzjoni għal Ordni ta' Preservazzjoni bħala proposta għal garanzija

fuq deċiżjoni dwar applikazzjoni għal Ordni ta' Preservazzjoni bħala deċiżjoni dwar garanzija

fuq sottomissjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 364b(2) sa (5) OZ bħala appelli kontra deċiżjoni dwar il-garanzija.

Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor, l-obbligu li tiġihallas miżata tiġġarrab meta tiġi preżentata proposta għal eżekuzzjoni ta' Ordni ta' Preservazzjoni jew appell, kif stabbilit fl-Artikoli 4 ZSP.

Il-miżati tal-qorti jistgħu jiġu kkalkulati għal kull operazzjoni individwali, skont il-valur tas-suġġett tat-tilwima, skont it-tabella segwenti:

Aktar minn	Sa HRK	HRK
0,00	3 000.00	100.00
3 00.,00	6 000.00	200.00
6 000.00	9 000.00	300.00
9 000.00	12 000.00	400.00
12 000.00	15 000.00	500.00

Għal aktar minn HRK 15 000.00 għandha tiġihallas miżata ta' HRK 500.00, flimkien ma' 1% tal-ammont għal aktar minn HRK 15 000.00, sa massimu ta' HRK 5 000.00.

#### **Artikolu 50(1)(o) — Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet tad-dokumenti**

Mhux applikabbli.

L-aħħar aġġornament: 11/01/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-Istati Membri responsabbli għall-ġestjoni tal-paġni tal-kontenut nazzjonali huma fil-proċess li jaġġornaw xi fteit mill-kontenut fuq dan is-sit web fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea. Jekk is-sit ikun fih kontenut li għadu ma jirriflettix il-ħruġ tar-Renju Unit, dan mhux intenzjonat u se jiġi indirizzat.